# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru 2024**

**Rikors Nru: 60/2018**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Terracore Limited (C32227)**

**vs**

**Falbra Limited (C12474) u Roderick Bartoli (K.I. 4684G)**[1]

**Il-Qorti;**

Rat l-avviż tat-talba imressaq nhar l-14 ta' Marzu 2018[2], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

> *u tgħid il-għaliex m'għandekx tiġi kkundannata tħallas is-somma ta'sebat elef, disa' mija u erbgħa u erbgħin Ewro punt erbgħa u disgħin ċenteżmu*

[1] Tajjeb jiġi ppreċiżat li b'sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti kif qabel preseduta nhar il-11 ta' Jannar 2022, ġiet milqugħa l-eċċezzjoni li Roderick Bartoli ma kienx il-leġittimu kuntradittur tas-soċjetá attriċi u b'hekk ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.
[2] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*(€7,944.94), rappreżentanti bilanċ dovut b'konnessjoni ma' diversi servizzi reżi lilek skond il-fattura numru I08156 datata' it-28 ta' Diċembru tas-sena 2016 (hawn annessa u mmarkata bħala "***Dok. TC1***") emessa mis-soċjeta' attriċi. Illi l-imsemmija servizzi kienu jikkonsistu fi tħaffir ta' borehole/s li sar da parti tas-soċjeta' attriċi, fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta u/jew l-intimat Roderick Bartoli, fis-sit relattiv ġewwa Corner House, Coast Road, Baħar iċ-Ċagħaq, kif ukoll servizzi oħra relatati, inkluż senjatament dawk konnessi mal-użu tal-makkinarju meħtieġ sabiex isiru tali xogħolijiet.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u għal kull buon fini, jiġi rilevat illi s-socjeta' attriċi kienet sfat kostretta twaqqaf il-prosegwiment tax-xogħolijiet de quo ħesrem - meta dawn kienu ġja fi stadju avvanzat - minħabba insistenza spontanja tas-soċjeta' konvenuta u/jew l-intimat l-ieħor illi l-borehole/s rikjesta tiġi tinfed għal ġol-baħar, rikjesta li ma kienitx tifforma parti mill-istruzzjonijiet oriġinali li ngħatat is-soċjeta' attriċi. Dan ġara stante li s-soċjeta' konvenuta naqqset milli tipprezenta l-permessi neċessarji lis-soċjeta' attriċi sabiex din ta' l-aħħar tkun f'pożizzjoni li taċċerta, kif finalment huwa l-obbligu tagħha, li t-tħaffir rikjest minn-Falbra Limited u/jew Roderick Bartoli kien kopert bil-permessi meħtieġa qabel ma tkompli bix-xogħolijiet mitluba.*

*Illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata diversi drabi, inkluż permeżż ta' ittra uffiċjali ppreżentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fit-2 ta' Mejju, 2017 (kopja haw annessa u mmarkata bħala "***Dok. TC2***"), din baqgħet inadempjenti. B'dan illi l-bilanċ sopra-ċitat ta' sebat elef, disa' mija u erbgħa u erbgħin Ewro punt erbgħa u disgħin ċenteżmu (€7,944.94) għadu pendenti sal-ġurnata tal-lum.*

*Illi għalhekk is-soċjeta' attriċi kienet kostretta tistitwixxi din il-kawża fil-konfront tal-konvenuti li min issa huma nġunti għas*-subizzjoni.

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali 957/17, u dawk extra-ġudizzjarji kif ukoll bl-imgħaxijiet applikabbli skond il-liġi sad*-data *tal-ħlas effettiv.*

Ra l-avviż għas-smiegħ tal-kawża ta' din il-Qorti kif diversament preseduta[3].

Ra r-risposta konġunta tal-intimati datata l-20 ta' April 2018[4], fejn *ad litteram* ġie eċċepit is-segwenti;

1. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti Roderick Bartoli, jeccepixxi illi huwa mhux il-legittimu kontradittur;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, il-konvenuti jirrespingu l-pretensjonijiet kollha tar-attriċi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom bhala infondati filfatt u fid-dritt u dana stante li l-ebda ammont mhu dovut lir-attriċi u dan kif seijer jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza, u dana stante li x-xoghlijiet vantati mis-socjeta attriċi ma gewx ezegwiti.*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz u dan dejjem minghajr bla pregudizzju l-ammont li qieghed jigi pretiz huwa eccessiv u ghalhekk ghandu jigi ppruvat skond il-Ligi;*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

---

[3] A fol 9 tal-proċess.
[4] A fol 14 tal-proċess.

*Bl-ispejjes kollha kontra r-attriċi li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Ra x-xhieda ta' Gordon Bartoli u ta' Roderick Bartoli kif traskritta, magħmula nhar il-31 ta' Jannar 2019[5].

Ra x-xhieda ta' Alfred Xerri kif traskritta, mogħtija nhar l-14 ta' Marzu 2019[6].

Ra l-assenjazzjonijiet ta' kawżi u doveri mill-Uffiċju tal-Prim'Imħallef tal-1 ta' Jannar 2020[7].

Ra x-xhieda ta' Alfred Xerri kif traskritta, mogħtija nhar it-12 ta' Jannar 2021[8].

Ra x-xhieda ta' Roderick Bartoli kif traskritta, mogħtija nhar id-19 ta' Ottubru 2021[9].

Ra t-trattazzjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati li Roderick Bartoli mhux il-leġittimu kuntradittur kif traskritta, kif magħmula quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar id-19 ta' Settembru 2021[10].

Ra s-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni mogħtija fil-11 ta' Jannar 2021[11].

Ra x-xhieda ta' Alfred Scerri kif traskritta,u d-dokumenti preżentati minnu, nhar il-4 ta' Mejju 2022[12].

[5] A fol 34 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 53 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 66 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 74 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 87 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol 91 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol 95 *et seq* tal-proċess.
[12] A fol 107 *et seq* tal-proċess.

Ra x-xhieda tal-Inġinier George Cassar tal-4 ta' Ottubru 2022, kif traskritta[13].

Ra l-kontinwazzjoni tax-xhieda tal-Inġinier George Cassar tat-22 ta' Frar 2023, kif traskritta[14].

Ra l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023 tal-Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn dan il-Bord presedut mill-illum Imħallef Josette Demicoli ġew assenjati lil dan il-Bord kif issa presedut[15].

Ra x-xhieda ta' Roderick Bartoli kif traskritta, mogħtija nhar it-28 ta' Ġunju 2023[16].

Ra l-affidavit ta' Roderick Bartoli bid-dokumenti annessi miegħu, datata 20 ta' Ottubru 2023[17].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-attriċi datata t-8 ta' Marzu 2024[18].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Falbra Ltd datata t-3 ta' Ġunju 2024[19].

Ra n-nota tas-soċjetà attriċi tat-13 ta' Settembru 2024[20] fejn infurmat lill-Qorti li hija kienet ġiet notifikata bin-nota ta' sottomissjonijiet repsonsiva ta' Falbra Ltd.

---

[13] A fol 123 *et seq* tal-proċess.
[14] A fol 151 *et seq* tal-proċess.
[15] A fol 155A *et seq* tal-proċess.
[16] A fol 158 *et seq* tal-proċess.
[17] A fol 169 *et seq* tal-proċess.
[18] A fol 225 *et seq* tal-proċess.
[19] A fol 242 *et seq* tal-proċess.
[20] A fol 258A tal-proċess.

Ra d-digriet tas-27 ta' Settembru 2024[21] permezz ta' liema l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel xejn, kif ġie senjalat fl-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, din id-deċiżjoni qiegħda tingħata minn din il-Qorti kif illum preseduta u mhux kif kienet preseduta waqt is-smiegħ tal-maġġor parti ta' dawn il-proċeduri. Dan il-fatt waħdu ma kien tal-ebda xkiel sabiex din il-Qorti kif hawn issa preseduta tgħaddi l-ġudizzju hi. Tassew, argumenti fejn ġie attakkat proċess ġudizzjarju minħabba kambjament fil-ġudikant ġew kemm il-darba miċħuda[22]. F'dan il-każ ma kien

[21] A fol 259 tal-proċess.

[22] F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **George Galea vs Maria Carmela *sive* Marica Baldwin,** (App Ċiv Nru: 90/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fejn ġie ritenut hekk: *"Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi l-fatt waħdu li l-Imħallef li ddeċieda ssentenza fl-ewwel istanza ma kienx l-Imħallef li sema' l-provi ma jġibx b'daqshekk in-nullita` tas-sentenza appellata".* Issir referenza wkoll għal dak li kien ġie awtorevolment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mifsud *et* vs Victor Calleja,** (Appell Ċivili Numru. 354/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar ild-9 ta' Jannar 2008 u ċioé: *"...l-appellanti jitilqu mill-punt li jiccensuraw lillewwel Qorti talli din ma semghatx il-provi viva voce iżda qaghdet fuq it-traskrizzjonijiet tax-xhieda gja kompilati flatti. Huma, b' dan, jikkontendu illi l-Qorti ma kellhiex l-"ahjar prova" ghal liema jirreferi l-Artikolu 559 tal-Kapitolu 12. Bir-rispett dovut dan l-argoment hu ghal kollox fallaci, guridikament. Ibda biex, kieku kellu jigi accettat dak sottomess mill-appellanti jkun ifisser illi kull darba li gudikant jissostitwixxi gudikant iehor il-provi jridu jinstemghu ex novo, b' hela ta' energija, dilungar u spejjez zejda. Barra minn hekk, tali deduzzjoni tirrifletti negattivament fuq id-dehen tal-gudikant sostitut ghax ikun ifisser li dan, gjaladarba ma jkunx sema' hu l-provi viva voce, ma jkunx jista' jaghmel gudizzju ghaqli ta' l-ezami u l-valutazzjoni tax-xhieda li tkun traskritta. Tali ragonament, jekk accettat, certament jinnewtralizza ghal kollox il-htiega tar-rakkoljiment tal-provi permezz ta' Affidavits jew permezz ta' l-Assistenti Gudizzjarji, u dan kontra l-volonta tal-legislatur li kkreja d-disposizzjonijiet relattivi dwarhom."* Per kompletezza akkademika mbagħad, il-Bord jirriferi għas-sentenza fl-ismijiet **Albert Noel Portelli *et* vs Paola Developments Limited *et*,** (Appell Civili Numru. 1466/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Novembru 2006 fejn, b'ton qawwi, ġie enunċjat is-segwenti *dictum*: *"Bil-fatt wahdu li, minhabba esigenzi ta' tqassim ta' doveri, il-kawza ghaddiet minn gudikat ghal iehor, ma ghandux necessarjament iwassal ghal dak li donnhom qeghdin jinsinwaw l-appellanti, bla ma pero` jispecifikaw xejn utli jew ta' sostanza. Bl-istess argument, li kieku wiehed kellu jabbraccjah, lanqas din il-Qorti ma jmissha allura tiddeciedi*

hemm xejn nieqes mill-atti u kollox kien traskritt. Instemgħet parti mix-xhieda quddiem din il-Qorti kif issa preseduta stess u saru wkoll noti ta' sottomissjonijiet u saru anke kontro-eżamijiet quddiem din il-Qorti kif issa preseduta. Meta din il-Qorti ingħatat proċedimenti fejn ħasset li kellha terġa' tisma xi aspett tal-proċeduri qabel m'għaddiet għas-sentenza, hekk għamlet.

Illi madanakollu tinħass il-ħtieġa li l-istess Qorti tirrakkolji u tispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri u dan biex anke isserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda prodotta ġiet debitament mixtarra.

Illi xehed **Gordon Bartoli** li jispjega li Roderick Bartoli kien inkarigat biex jsegwi l-operat tal-proġett li kellhom għaddej dak iż-żmien f'Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa jgħid li xogħolu kien ta' project manager u kienu qed jagħmlu proġett ta' boutique hotel, restaurant u coffee shop. Jgħid li Roderick kien jieħu ħsieb jiġbor l-istimi u jgħaddihom lilu u lil ħuħ bħala d-diretturi tas-soċjeta' Falbra Ltd umbad huma kienu japprovaw ma min jaħdmu. Jispjega li l-proġett kien qed isir fi proprjeta' ta' Falbra Ltd. Jgħid li Roderick huwa biss impjegat ma' Falbra u kienu hu u ħuħ Edward li jieħdu d-deċiżjonijiet. F'kontro-eżami jispjega li hu kien jaf li Roderick kien qed jiġbor stimi mingħand Terracore u kienu qabbdu lil Terracore biex jagħmlu x-xogħolijiet ta' tħaffir bil-għan li ssir borehole skont il-permessi u wara li ħaffru madwar 25 jew 30 metru ma sabux ilma u abbandunaw il-proġett u b'hekk ma dehrilomx li għandhom iħallsuhom. Jgħid li Terracore kienu bagħtu email jikkonfermaw li Roderick kien qed jaġixxi għan-nom ta' Falbra. Jgħid li kien Roderick li kien qed jikkomunika ma' Terracore u kien qed jagħmel dan għan-nom tal-kumpanija Falbra Ltd. jgħid li Roderick kien l-uniku kuntatt bejn Falbra u Terracore. In ri-eżami jgħid li Terracore kienu jafu li l-proġett huwa ta' Falbra u li Roderick kien qed jaħdem għan-nom ta' Flabra.

---

*dwaru! Riflessjonijiet bla bazi ta' din ix-xorta ftit jaghmlu gieh lil min jasserihom u certament, ma jghinu xejn ghar-rizoluzzjoni gusta u serena ta' procedura gudizzjarja bhal dik in kawza."*

Illi xehed **Roderick Bartoli** li jispjega li huwa l-project manager tas-sit f'Baħar iċ-Ċagħaq u dan ix-xogħol kien jinvolvi li jiġbor stimi, jara x-xogħol u jieħu ħsieb iqabbel il-kontijiet max-xogħol li jkun sar. Jgħid li huwa kien ġab xi stimi differenti inkluż mingħand Terracore u tagħhom lid-diretturi li mbad għażlu ta' Terracore. Jgħid li d-diretturi huma Edward u Gordon Bartoli. Jispjega li l-permess tal-Malta Resource Authority huwa f'isem Gordon Bartoli Falbra Limited. Jgħid ukoll li kien inforrma lil Terracore b'dan wara li huma saqsewh f'isem min hu l-permess u min huma d-diretturi. Jispjega li Edward u Gordon Bartoli huma r-rappreżentanti legali tal-kumpanija. Jispjega li hu għandu ismu fuq is-sit imma l-kumpanija li qed tibni mhux f'ismu għax hu ssulloka lil Falbra Limited. F'kontro-eżami jgħid li hu kien il-kuntatt bejn Falbra u Terracore. Jgħid li Terracore kienu bagħtulu l-istima imbad bdew ix-xogħol u abbandunaw is-sit u wara bagħtu fattura biex jitħallsu ta' xogħol li skontu ma kienux għamlu. Jgħid li hu kien ikun kuljum fuq is-sit u Terracore jafu lilu biss bħala l-punt ta' referenza għal dan ix-xogħol. In ri-eżami jgħid li kien hemm nies oħra fuq is-sit minħabba li kien għaddej proġett u għal dan ix-xogħol ieħor il-flus dejjem ħarġu minn Falbra Ltd u ċ-ċekkijiet iffirmati minn Edward jew Gordon. Jgħid li f'pagamenti huwa kellu x'jaqsam biss ma' li jiċċekkjahom u jgħaddihom lid-diretturi. Qatt ma ħallas xejn hu. F'xhiedu ulterjuri jikkonferma li l-firma fuq l-istima hija tiegħu u ma hemmx miktub li għan-nom tal-kumpanija Falbra Ltd imma jgħid li fuq hemm l-email tiegħu tax-xogħol. Jispjega li Bartoli Brothers ma għandix x'taqsam ma' Falbra Ltd, fis-sens li Bartoli Brothers hija l-mother company.

Illi xehed **Alfred Scerri**, li jispjega li huwa direttur fil-kumpanija Terracore u jagħmlu servizzi ta' toqob varji u affarijiet differenti. Jgħid li l-proġett ta' Baħar iċ-Ċagħaq kien jinvolvi toqob għal geothermal purposes. Jispjga li kien Roderick Bartoli li kien kellmu biex jagħmel dan ix-xogħol u kien dejjem jikkomunika ma' Roderick Bartoli biss. Jgħid li qatt ma ngħata xi direzzjoni jew struzzjonijiet mingħand xi ħadd ieħor. Jgħid li qatt ma qallu Roderick li hu qed jaġixxi għan-nom ta' Falbra meta kien qed jitlob dawn is-servizzi. Jgħid li l-istima nħarġet lil

Roderick Bartoli u ffirma għaliha hu stess. Jgħid li kien Roderick Bartoli li approva l-istima. In kontro-eżami, jgħid li hu dejjem ikkomunika ma' Roderick Bartoli imma wara li kien sar ix-xogħol kienu ġew informati biex jibgħatu kollox lil Falbra Ltd. jgħid li jekk Bartoli kien tagħhom sturzzjonijiet biex joħorġu dokumenti fuq Falbra Ltd hekk ikun sar. Jgħid li huwa direttur u mhux responsabbli mill-accounts. Jgħid li waqt li kien qed isir ix-xogħol kien induna li l-permess li kellhom minn MRA ma kienx jgħid li l-borehole trid tinfetaħ fil-baħar. Kien ċempel u qallu x'kien qed jgħid il-permess u qallu mela għamilha ma tinfidx għall-baħar u Xerri qallu ibgħatli email bil-miktub b'din l-istruzzjoni, u minflok hu bagħat email li jridha tiftaħ fil-baħar u kif ra li mhux ta' min jafdah qabad u ma kompliex ix-xogħol. Jgħid li l-invoice inħarġet fuq Roderick Bartoli għax lilu biss kien jaf. Jgħid li l-komunikazzjoni fuq il-permess kienet ma' Roderick Bartoli.

Illi xehed mill-ġdid **Alfred Scerri** dwar il-mertu, li jispjega li huwa direttur f'Terracore Ltd u jgħid li kien ikkuntattjah Roderick biex jagħmillu borehole skont il-permessi li kellhom ma' MRA. Jgħid li saru żewġ boreholes l-isfel għal ġol-art u mbgħad riedu borehole għal ġol-baħar. Jgħid li kien saqsih biex jagħmluha għal ġol-blat minflok u hu kien qallu iva imma talbu jibgħatlu email bil-miktub li jridha fil-blat biex ikun kollox ċar. Jgħid li fl-email hu minflok bagħtlu li jridha għal ġol-baħar u ma setax ikompli. Mistoqsi dwar l-involviment ta' Geomatics, kif jidher fil-fattura, jgħid li dawn kienu jiġu bis-surveying machine u jatuh direzzjoni biex issir il-borehole. Jikkonferma li Terracore ħallset €778 lil Geomatics ta' dan ix-xogħol. Jgħid li kien hemm sketch ta' proposed routes u ried surveyor biex iħaffer ġol-blat mhux ġol-baħar. Jgħid li kien hemm tliet boreholes u saru skont method statement apposta. Jgħid li bħala boreholes li saru saru skont il-method statement. Jgħid li hu ried jagħmilhom skont il-permess tal-MRA u ma riedx jagħmel il-borehole li tati fil-baħar. Jikkonferma l-email li nbtgħatet minn Terracore fit-8 ta' Awwissu 2016 fejn intqal li ma setgħatx

tkompli x-xogħol għal dawn ir-raġunijiet u jgħid li minn wara dik l-email fil-fatt, ma tkompla ebda xogħol.

Illi xehed l-**Inġinier George Cassar**, li jispjega li dwar il-permess MRA/24/2016, huwa kellu l-applikazzjoni u l-permess li nħareġ biex jitħaffer sea well imma jgħid li ma jafx kemm-il wieħed, imma minalih li wieħed kien biex ikun abstraction of sea water u l-ieħor biex jarmi l-ilma baħar. Jgħid li l-boreholes setgħu jitħaffru skont il-permess u fuq waħda ħareġ il-permess fil-fatt. Jgħid li ma jafx fejn kellhom jitħaffru l-boreholes imma jgħid li jeżistu regolamenti fuq borehole drillings and excavation works fejn il-baħar li jimponu li tinżamm distanza ta' xi 150 metru mill-baħar biex jitħaffru boreholes. F'xhieda ulterjuri, huwa jgħid li sa fejn jaf hu kien hemm sea wall wieħed imma fil-karta li ħarġu ma kienx hemm miktub l-ammont. Jgħid li sea well hija borehole li qiegħda mhux aktar minn 150 metra 'lbogħod mill-kosta. Jgħid li l-bżonn ta' permess jiddependi jkunx horizontal jew vertical u dak hemm kollox fil-liġi spjegat. Jispjega wkoll li saturated zone hija l-area tal-blat mimli bl-ilma imma din ukoll hija mfissra fil-liġi. F'dak il-każ, jgħid li l-area tkun tmiss mal-livell tal-baħar. Mid-dokumenti esebiti jgħid li ma jidhirlux li kienu għal horizontal well. Jgħid li la hu ta' 30 metru fond huwa vertical u li hekk ħasbu meta inħareġ il-permess. Jgħid li l-liġi titkellem ukoll fuq skavar u għalhekk jekk isir xi xogħol ta' coring jew excavation li jmiss mas-sea level suppost li trid permess. Jgħid li din in kwistjoni huma fehmu li kienet vertical u allura tapplika d-definizzjoni ta' borehole.

Illi f'xhieda ulterjuri, **Roderick Bartoli**, jispjega li l-proġett in kwistjoni huwa ta' boutique hotel u hemm żewġ ristoranti u dan qiegħed ħdejn Splash and Fun, Baħar iċ-Ċagħaq. Jgħid li l-proprjeta' hija 100 metru 'l bogħod mill-baħar li tiġi l-car park. Jgħid li naġġa lil Terracore u kien jitkellem ma' Alfred Scerri biex issir water-cool system li kien jinneċessita li jħaffru żewġ boreholes l-isfel. Jgħid li Terracore kien jaf eżatt x'inhi din is-sistema għax ħadimha qabel f'postijiet oħrajn. Jgħid li Terracore bdiet tħaffer l-isfel l-ewwel flok orizzontalment kif kien

issuġġerielu hu. Jgħid li kellu bżonn isir pilot hole u Terracore ġabu surveyor tagħhom. Jgħid li bil-pilot hole, Terracore qabeż il-baħar. Jgħid li s-survey kien sar minn Alec Soler. Jgħid li l-pilot hole ma kienitx dik it-toqba ta' 20cm li kienu kkuntrattaw lil Terracore għaliha. Jispjega li kif qabeż il-baħar bil-pilot hole Terracore ippanikja u ma kienx jaf x'ser jagħmel u għamel jumejn ma jersaqx l'hemm. Jgħid li Terracore qallu li ma setax jaħdem hemm, Alfred Scerri kien qallu dan. Jgħid li imbad ġew ħadu l-makkinarju u telqu mis-sit. Jgħid li imbad xi ħmistax wara bagħtlu l-kont tax-xogħol imma jinsisti li x-xogħol ma sarx u b'hekk ma għandux iħallsu. Jgħid li l-kont kien għat-tliet toqob daqslikieku saru kollha kompletament u mhux għal pilot hole. Jgħid li daħħal ukoll il-fee tas-surveyor u ma tagħhomx il-15% skont li kien qabel magħhom dwaru. Jgħid li kif irċieva l-kont qal lid-dipartiment tal-accounts biex ma jħallsuhx. Jgħid li imbad irċieva ittra uffiċjali. Jgħid li Terracore ħarġu żewġ kontijiet, wieħed ġimgħa wara imbad xi ħmistax jew tlieta wara bagħtu ieħor bl-istess data imma ammont għola. Jgħid li mhux ċert x'kien hemm differenti minbarra l-ammont fil-kont ta' wara imma jsemmi li jista' jkun hemm li żiedu surveyor fee. Jgħid li Scerri kien insista li jkollhom MRA permit qabel jibda x-xogħol u stennew sakemm inħareġ dak imbad fl-aħħar semmielu MEPA. Jgħid li l-permess tal-MEPA kien wieħed mill-iskużi. Jgħid pero' li sa dak iż-żmien ix-xogħol kienu leħqu bdewh. Jispjega li kien l-ewwel darba li ngaġġaw lil Terracore u għalih kien l-ewwel proġett ta' dan il-kobor. Jgħid li meta beda x-xogħol Terracore ma kienx hemm. Jispjega li meta nduna li dak ma kienx qed jaħdmu kif qablu, huwa ma setax joqgħod jerġa' jaqla' l-krejn minn postu u ried li jmexxu ħalli jgħaġġel.

Illi fl-affidavit tiegħu, **Roderick Bartoli**, iżid jgħid li kien għadda lil Alfred Scerri kopja tal-cross-section plan ħabba l-wastewater tal-heat exchange system. Jispjega li dan kien survey drawing biex jispjega kif għandu jgħaddi l-horizontal borehole. Jgħid li skont is-section plan, kien hemm 60 metru bejn il-coring point u s-seashore. Jgħid li fl-istima li bagħtu Terracore tat-13 ta' April 2016, ma kienx hemm fee tas-surveyor imsemmija. Jgħid li huwa approva dik l-istima u għadda

d-dettalji tad-direttur u tal-kumpanija Falbra lil Terracore. Jgħid li kien avża lil Alfred Scerri fil-25 ta' Ġunju 2016 li kellhom il-permess tal-MRA. Jgħid li Terracore ġew fuq il-post u bdew jaħdmu fuq il-vertical boreholes imbad bdew il-horizontal borehole. Jgħid li bdew il-horiżontal hole b'pilot hole ta' 8cm imma ma laħqux il-baħar u waqqfu x-xogħol meta kienet biss saret toqba ta' 8cm. Jgħid li ma jistax ikun jitolbu ħlas ta' 15cm meta t-toqba li għamlu żgur mhux nofs l-għoli tal-briks ta' 12.5cm. Jgħid li meta ma marrux iżjed on site ġabu n-nuqqas tal-permess tal-MEPA bħala skuża u Alfred Scerri qallu li la ma sabx il-baħar kellu jmur fuq sit ieħor. Jgħid li l-ewwel invoice bagħtuha 19 ta' Lulju 2016 wara li kienu abbandunaw is-sit u l-kont kien għal €6629 VAT inkluż. Jgħid li niżżlu toqba ta' 150mm li ma kienitx saret għax il-pilot hole kienet ta' 80mm. Jgħid li skont l-quote li qabel fuqu inizjalment kien hemm 15% skont ukoll li kellu jiġi applikat. Jispjega li imbad Terracore bagħtu kont ieħor fit-8 ta' Awwissu 2016 imma bid-data tal-kont ta' qabel u bl-istess numru tal-fattura imma l-ammont kien €7944.94 VAT inkluż minflok u mingħajr il-15% skont maqbul bejniethom.

In kontro-eżami, **Roderick Bartoli** jispjega li kien il-persuna inkarigat minn Falbra u responsabbli għall-proġett in kwistjoni. Jikkonferma li kien il-persuna ewlenija li kien qed jikkomunika ma' Terracore u ma' Alfred Scerri. Jgħid li dejjem kien ikun on site ġej u sejjer. Jgħid li kien l-ewwel proġett ta' dan it-tip għalih. Mistoqsi jafx x'inhu seawell skont il-liġi jgħid li l-ilma ma joħroġx għat-triq imma jati għall-baħar. Jgħid li ried li t-toqba tkun dirett għall-baħar u hekk kien ftiehem ma' Terracore. Jispjega li Terracore qalulu li jistgħu jagħmluha u b'hekk mexxew magħhom. Jgħid li l-permess kien għal żewġ boreholes u mistqosi jekk kienx jaf li waħda biss kienet koperta bil-permess jgħid li mingħalih li l-permess kien għall-iscope of works kollu. Jgħid li Scerri ried surveyor biex jiggwidah kif ser jpoġġi l-makkinarju tiegħu imma jispjega li ma kienx diskuss li ser ikun hemm miżata tas-surveyor ukoll. Jgħid li jekk kellu bżonn is-surveyor kien missu inkludih mill-bidu nett fl-istima. Jgħid li kien qallu li kellu bżonn jagħmlu pilot hole imma hu ma kellux bżonn pilot hole. Jgħid li l-ewwel stima

kienet eighty per unit umbad fil-kont kienet thirteen twelve per unit. Jgħid li għalkemm dan minnu hu ried l-eighty. Jgħid li x-xogħol ma tlestiex u b'hekk ma riedx iħallas. Jgħid li l-biċċa tal-baħar fejn kellha tiġi l-borehole li riedu jgħumu fiha n-nies imma il-hole kellha tkun għoxrin metru 'l barra jiġifieri mhux fejn jgħumu n-nies. Jgħid li hemm proprjeta' adjaċenti, old town house. Jgħid li kieku għal Terracore ma kienx possibli jibda x-xogħol ma kienx jibda mill-ewwel. Mistoqsi hux minnu li Alfred Scerri qallu biex filkas jagħmilha fil-blat flok fil-baħar, jgħid li le u ma kienx jaċċetta. Mistoqsi jekk hux minnu li Scerri ma riedx ikompli għax ix-xogħol ma kienx kopert bil-permessi jgħid li jaħseb li dak semmih wara li kien telaq mis-sit bħala skuża. Jgħid li l-kontijiet li rċievew kienu wara li kienu telqu mis-sit. Jgħid li hu ma jrid iħallas xejn la Terracore abbandunaw is-sit. In ri-eżami, jgħid li ma setax juża dak li sar għax ma kienx hemm ukoll horiżontal borehole lesta. Jgħid li l-permess kopra vertical borehole u extraction tal-ilma. Jgħid li l-vertical u horizontal borehole imorru id f'id minħabba t-tip ta' sistema.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi magħmul dan ir-riassunt, il-Qorti issa ser tgħaddi biex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet legali relattivi.

**L-Ewwel Eċċezzjoni**

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimati, l-Qorti tfakkar li din il-Qorti kif qabel preseduta diġà iddeċidiet l-istess u illiberat lil Roderick Bartoli mill-osservanza tal-ġudizzju wara li sabet li r-relazzjoni ġuridika kienet ma Falbra Limited biss. Jifdal biss allura eżami tal-mertu, fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.

**Mertu**

Illi mill-bqija, għalhekk, din il-Qorti tqis li l-kawża hija biss talba għall-ħlas ta' servizzi li s-soċjeta' attriċi tgħid li pprestat, inkluż tħaffir ta' *boreholes,* fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta. Is-somma mitluba mis-soċjetà attriċi hija dik ta' sebat elef, disa' mija u erbgħa u ebrgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€7,944.94ċ). Da parti tagħha, is-soċjeta' konvenuta tgħid li l-ebda ammont ma huwa dovut lis-soċjetà attriċi għax ix-xogħol ma ġiex eżegwit skont dak miftiehem u dak li tirrikjedi s-sengħa u l-arti, u mingħajr preġudizzju teċċepixxi wkoll li l-ammont pretiż huwa eċċessiv.

Illi l-Qorti tqis li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija dik emerġenti mill-artikoli 1633 sa 1643 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura din il-Qorti qiegħda tikkunsidra l-kuntratt ta' bejn il-partijiet bħala wieħed t'appalt.

Illi bħala daħla ġenerali, huwa stabbilit li hu obbligu prinċipali tal-appaltatur li jara li x-xogħol li jkun sejjer iwettaq ikun qiegħed isir utilment għall-kommittent li jkun inkarigah[23].

Illi daqstant ieħor huwa fatt li min jippresta s-servizzi tiegħu proprji, taħt kwalsiasi forma u għall-benefiċċju ta' xi ħaddieħor li jkun inkarigah biex jagħmel dan, għandu jiġi mħallas ta' xogħolu, u dan anke *in linea* mal-massima

[23] F'dan is-sens ukoll, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **C & F Building Contractors Ltd vs Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd**, (Ċit Nru: 975/2000/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2012 (mhux appellata).

tradizzjonali magħrufa bħala "*omnia labor optat premium*"[24], prinċipju dan ma jistax jiġi faċilment skartat[25].

Illi hekk ukoll huwa stabbilit li kull appaltatur għandu jagħmel dak ix-xogħol mogħti lilu bl-għaqal mistenni minn kull ġenitur tajjeb tal-familja, kif irid l-artikolu 1132 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[26]. Bl-istess mod, l-appaltatur għandu wkoll jara li fl-eżekuzzjoni tax-xogħol mogħti lilu jieħu l-miżuri u l-kawteli skont is-sengħa u l-arti, u m'għandux jissokta jespleta l-inkarigu mogħti lilu jekk iqis li l-istruzzjonijiet mgħoddija lilu sejrin jirriżultaw f'xogħol ħażin[27].

---

[24] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Executive Security Services Limited vs Cavendish Hotels Limited** (Rikors Nru 496/2021) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru 2021 (mhux appellata). Fuq l-istess prinċipju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd et** deċiża nhar l-20 ta' Novembru 2009 (App Ċivili Nru 532/2005/1), intqal, "*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta sservizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg għall- principju illi omnia labor, optat premium*."

[25] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Improved Design Contractors vs Bellaviti & Improved Design Limited,** (Rik Nru: 201/2004) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2004 (mhux appellata).

[26] Dan jgħid hekk: *"1132. (1) Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi dwar id-depożiti, id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta'waħda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-waħda u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032"* In vena ġurisprudenzjali, issir referenza fost oħrajn, għas-sentenza għas-sentenza fl-ismijiet **Alfred Spiteri *et* vs Silvio Busuttil,** (App Ċiv 1408/1996/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 2010, fejn intqal hekk: "*Fost l-obbligazzjonijiet li ghandhom b'oggett prestazzjoni "di fare", bhal ma hekk hu l-kuntratt ta' appalt, hu mistenni li dik l-obbligazzjoni tieghu taghti rizultat finali u tajjeb f'kull rispett, biex jista' jinghad li l-appaltatur ikkonforma ruhu mal-mudell taddiligenza tal-bonus paterfamilias skond l-Artikolu 1132 Kodici Civili. Il-kuncett ta' din iddiligenza jimplika li hu jadopera l-kawteli indispensabbli ghall-adempiment talprestazzjonijiet tieghu skond ir-regoli ta' larti u tat-teknika tajba. Dan, difatti, huwa kriterju ghal liema spiss drabi jaghmlu riferiment il-Qrati taghna. Hekk inghad illi l-obbligu taddiligenza jikkomprendi li l-appaltatur jippresta kapacita ordinarja u wkoll "quella diligenza e quella perizia ordinaria che gli e` imposto dalla natura del contratto". Ara "Carmelo Scicluna -vs Giuseppe Mallia et", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929;"*

[27] Issir referenza, fost diversi, għas-sentenza fl-ismijiet **Francis Stivala noe vs Hector Borg pro et noe**, (Ċit Nru: 446/1994/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Frar 2003 (mhux appellata) fejn reġa ġie kkonfermat hekk: "*Jinsab ritenut ukoll illi "l-appaltatur ma hux mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol" ("Nobbli Gioacchino Attard Montalto -vs Emanuele Schembri et", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1957). Anzi jinghad ukoll illi "e` dovere dell' appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole della arte" ("Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell, Sede Inferjuri, 7 ta' April 1923); Huwa ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu*

Min ikun ser jagħmel ix-xogħol irid jara li dak li sejjer iwettaq ser ikun qed isir utilment għall-kommittent li jkun inkarigah.

Illi l-liġi tagħti wkoll il-jedd lil min jagħti x-xogħol sabiex iwaqqaf dak l-istess kuntratt anke jekk dan ikun leħaq inbeda u huwa biżżejjed li dan l-avviż jingħata lill-appaltatur imqar bil-fomm[28]. Illi minkejja dan il-jedd tal-appaltant, hija relevanti ħafna r-raġuni għalfejn il-kommittent ikun għamel għażla bħal din[29], b'dan illi, jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, irid xorta waħda jħallas l-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jkun ittieħed kont ta' kemm dak ix-xogħol mitmum ikun utli għall-kommittent u d-danni għall-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun temm l-appalt. Filwaqt illi jekk ma jkollux raġuni tajba biex itemm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha li jkun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti u somma oħra li tiġi meqjusa mill-Qorti li ma tkunx għola mill-qliegħ li seta' jagħmel l-appaltatur kieku lesta x-xogħol kollu[30].

Illi għalhekk, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali dwar ir-regoli ġenerali tal-appalt fil-liġi tagħna,  din il-Qorti trid tqis tliet affarijiet sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha fuq il-mertu tal-vertenza odjerna, u ċioe', (i) jekk sarx xogħol da parti tas-soċjetà' attriċi,  (ii) jekk dak ix-xogħol għandux jitħallas u f'każ lir-risposti tal-ewwel żewġ elementi jkunu fl-affermattiv, (iii) kemm għandha titħallas tax-xogħol l-attriċi.

**<u>Dwar jekk sarx xogħol da parti tas-soċjeta' attriċi.</u>**

---

*kommess fis-sens li "ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ixxoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'il quddiem." ("Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);*"

[28] Artikoli 1640(1) u 1640(5) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[29] Fost oħrajn, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **<u>Cutajar Construction Limited et vs Pierr P Gregoire</u>** tad-29 ta' Marzu 2019 (Ċit Nru 2840/96).

[30] Artikolu 1640(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta teċċepixxi fir-risposta tagħha illi ma hemmx ħlas dovut għax ix-xogħol skont l-istima approvata ma ġiex esegwit, mill-provi li ġew ippreżentati, inkluż mix-xhieda ta' Roderick Bartoli kif prodott mill-konvenuta stess, jirriżulta li fil-fatt mhux kontestat illi sar xi xogħol.

Illi dan jingħad għaliex irriżulta mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' attriċi marret bil-makkinarju tagħha fuq is-sit in kwistjoni u bdiet tħaffer. Il-kwistjoni donnha tinsab dwar dak li tħaffer u għalhekk dwar kemm verament sar ix-xogħol li kien maqbul skont l-istima tat-13 ta' April 2016.

Illi da parti tas-soċjetà konvenuta, Roderick Bartoli jammetti fix-xhieda tiegħu, li ngħatat fuq numru ta' drabi, anke quddiem din il-Qorti kif issa preseduta, li s-soċjetà attriċi għamlet tħaffir ta' żewġ *vertical boreholes* u anke *pilot hole.* Jgħid pero li minħabba li dak li tħaffer mill-*horizontal hole* kien il-*pilot hole* biss u mhux dak propjament maqbul, is-soċjetà attriċi ma għamlitx dak li kienet ingaġġata biex tagħmel. Fl-istess waqt, huwa stess jeżebixxi ritratti mal-affidavit tiegħu li jikkonfermaw li fuq is-sit kien hemm is-soċjetà attriċi bil-makkinarju tagħha u li kien sar xi tħaffir[31].

Illi s-soċjetà attriċi fis-sottomissjonijiet tagħha tgħid li l-*pilot hole* dejjem riedet issir, biss pero' ma kienitx imniżżla speċifikament fl-istima approvata għaliex kienet inkluża fit-tħaffir tat-toqba l-kbira. Dan għaliex kien ovvju u ċar li Terracore bilfors riedet tibda minn *pilot hole* umbad tkabbar il-ħofra wara.

Illi minn dan kollu, il-Qorti jidhrilha illi hemm provi biżżejjed li jikkonfermaw li s-soċjetà' attriċi fil-fatt għamlet xogħol fis-sit in kwistjoni.

**<u>Dwar jekk ix-xogħol li sar għandux jitħallas.</u>**

[31] A fol 191 u 192 tal-proċess.

Illi s-soċjetà konvenuta hawnhekk, tagħżel li tinterpreta l-fatt li x-xogħol li sar, mhuwiex ix-xogħol totali li kellu jsir mis-soċjetà attriċi skond dak miftiehem anke bl-istima approvata datata 13 ta' April 2016. Għalhekk tgħid li ma hemm ebda ħlas dovut għal dak li sar. Fl-istess nifs, tgħid li ġialadarba x-xogħol li sar ma kienx utli, ma għandiex tħallas għalih għax lilha ma għena bl-ebda mod għax hi riedet *borehole* li jiżbokka fil-baħar u s-soċjetà attriċi, skont ma jixhed Roderick Bartoli, qabżet il-baħar hi u tħaffer. Madanakollu, prova li dan ix-xogħol verament ma kienx utli għall-konvenuta, għajr għall-verżjoni ta' Roderick Bartoli, ma nġabitx.

Illi fil-veritá, il-Qorti tqis li dan ir-raġunament tas-soċjetà konvenuta, minnu nnifsu għandu jservi ta' rikonoxximent li xi xogħol sar. Il-kwistjoni li jifdal tiġi indirizzata huwa jekk dak ix-xogħol li sar għandiex titħallas għalih is-soċjetà attriċi u jekk iva, kemm għandu jkun dan il-ħlas.

Illi huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar ma jaħtix għal dan in-nuqqas[32]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-

[32] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et,*** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

kundanna tal-ħlas[33]. Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal dak li jrid l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-prinċipju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[34]. Jekk kemm-il darba, l-attur jonqos li jipprova dak li jallega, il-konvenut ma għandux jiġi affettwat hu għal dan in-nuqqas tal-attur u dan minħabba l-prinċipju *actore non probante reus absolvitur*[35].

Illi lura għal każ tagħna, il-każ, id-difiża tal-konvenuta hija msejjsa fuq il-fatt li r-attriċi abbandunat is-sit u ma esegwietx ix-xogħol li kellha tagħmel u b'hekk ma għandix titħallas għax ix-xogħol ma tlestiex. Biss pero, kif ingħad aktar 'l fuq l-konvenuta stess tammetti li sar xi xogħol u għalhekk, kien jispetta lilha li tirribatti kemm għandu jkun il-ħlas għax-xogħol li sar.

Illi din il-Qorti tinnota li s-soċjetà konvenuta ma ressqet ebda prova jew stima mingħand terzi persuni biex tittenta tikkontesta l-ammont dovut. Tistrieħ biss fuq sempliċi argument, liema argument ma jirriżultax sostanzjat bl-ebda mod. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà attriċi tressaq provi sobrji u tajbin fir-rigward.

Illi l-Qorti għandha quddiema kemm il-prova min-naħa tas-soċjetà attriċi u konferma da parti tas-soċjetà konvenuta li tħaffru żewġ toqbiet u anke *pilot hole*. Oltre' minn hekk, hemm ġustifikazzjoni wkoll l-għala kellu jitqabbad *surveyor* mis-soċjetà attriċi stess għaliex dan kien meħtieġ sabiex jagħti direzzjonijiet fuq kif għandu jgħaddi t-tħaffir. Dan hu kollu ammess minn Roderick Bartoli li kif ingħad, huwa essenzjalment l-unika xhud li tressaq mill-konvenuta. Hemm ukoll prova li x-xogħol pjanat ma sarx kollu għaliex is-soċjetà attriċi stess għażlet li ma

---

33 Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

34 Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tal-25 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Bartoli Brothers Limited vs Wayne Chetchuti *et*.**

35 Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) tat-18 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet **Angelo Xuereb *nomine* vs Godwin Migneco *et nomine*.**

tkomplix ix-xogħol, kif kellu kull dritt (jekk mhux obbligu kif diġà ingħad) li tagħmel.

Illi s-soċjetà attriċi tgħid li Bartoli qalilha sabiex tagħmel *borehole* li tkun titfa fil-baħar u dan wara li Alfred Scerri mis-soċjetà' attriċi kien qallu li hu jista' jagħmel biss dik li tkun tati għall-art anke minħabba li ma kienx hemm permess relattiv għall-*borehole* ta' dak it-tip. Is-soċjetà konvenuta tgħid li l-permess kien biss skuża u li kienet ċara mill-bidu nett li trid *borehole* li tati fil-baħar tant li fl-istima tat-13 ta' April 2016, ġie mniżżel "*drilling of 200mm horizontal hole from site to seashore.*"

Illi fejn Qorti jkollha quddiemha verżjonijiet kunfliġġenti, trid tagħraf tislet x'inhu aktar kredibbli miż-żewġ verżjonijiet[36]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li minbarra l-verżjoni ta' Alfred Scerri, is-soċjetà attriċi ressqet ukoll lill-Inginier George Cassar li xehed dwar il-permess relevanti għas-sit in kwistjoni u jistqarr li kien hemm permess għal *borehole* waħda biss. Da parti tas-soċjetà konvenuta, Roderick Bartoli jgħid biss kif interpreta hu l-permess filwaqt li jammetti li hu mhux persuna teknika[37]. Jekk xejn, mill-provi jidher ċar li s-soċjetà konvenuta kellha ċertu għaġla u riedet tmexxi bix-xogħolijiet, u għalhekk, din il-Qorti tqis li dak li ġie spjegat minn Alfred Scerri dwar il-permess u dak li ġara biex wassal

---

[36] Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-24 ta' Marzu 2004; "*Meta qorti tkun rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti, ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:* • *"Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u* • *"Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.*"

[37] Issir referenza għas-sentenza **Audrey Murphy gia Audrey Delia Murphy vs Mark Anthony Delia** (Ċit Nru 665/2006) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (mhux appellata) fejn b'awtorita', intqal: "*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu ta' bilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. IlQorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u lparti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew laffarijiet.*"

lil Terracore Ltd tabbanduna s-sit u ma tkomplix ix-xogħol huwa aktar verosimili. Jingħad hekk ukoll anke in vista tal-aċċenn li għamel Roderick Bartoli stess fuq kemm Terracore Ltd hija kumpanija intiża f'dan it-tip ta' xogħol.

Illi għalhekk, din il-Qorti ssibha diffiċli twarrab il-verżjoni u l-provi tas-soċjetà attriċi biex minflok temmen iktar il-verżjoni ta' Roderick Bartoli li s-soċjetà attriċi ħadet żball, qabżet il-baħar u ma komplietx u anke li l-iżball ġie għax ħaffret fid-direzzjoni l-ħażina. Jekk kemm-il darba, is-*surveyor* tal-konvenuta li allegatament issuġġerixxa lil Bartoli li s-soċjetà attriċi kienet ħaffret fid-direzzjoni l-opposta, veru innota dan skont ma xehed Roderick Bartoli, allura kien jispetta lill-konvenuta li tressqu bħala xhud kompetenti biex jagħti l-verżjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni. Minflok ma nġiebet ebda prova ta' dan it-tip mill-konvenuta u ma xehed ħadd ħlief Roderick Bartoli.

Illi għalkemm l-konvenuta teċċepixxi li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, ma ressqet ebda prova li x-xogħol magħmul kien ħażin jew mhux kif titlob is-sengħa, ħlief il-verżjoni ta' Roderick Bartoli li jgħid li s-soċjetà attriċi "*missed the sea*"[38]. Dan meta l-istess xhud jinsisti li qabbdu lil Terracore Ltd għaliex hija kumpanija esperjenzata f'dan ix-xogħol u wara li Bartoli qal ukoll li hu personalment mhux intiż f'dan ix-xogħol per se u li dan kien l-ewwel proġett ta' din l-iskala li kien qed jimmaniġġja hu.

Illi wkoll, huwa t'interess lis-soċjetà konvenuta lanqas ressqet pretensjoni (anke hawnhekk għaliex għażlet li tistrieħ fuq risposta mingħajr ma twessax l-litiġju) għal xi danni li tgħid li soffriet minħabba l-allegati nuqassijiet li ssemmi. Wisq anqas ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta qatt interpellat b'xi mod lis-soċjetà

[38] A fol 161 tal-proċess.

attriċi sabiex din ssewwi l-allegati difetti. F'kull każ, fejn parti mix-xogħol ikun twettaq ma jistax jingħad li jkun hemm nuqqas sħiħ ta' twettieq[39].

Illi b'żieda ma dan, l-istima in kwistjoni, approvata minn Roderick Bartoli, tgħid li "*surveyor to be provided by client*" u "*should excavation be required to locate depth of services it will be charged to the client at cost*"[40]. Il-fatt li Roderick Bartoli jammetti li s-*surveyor* inġieb mis-soċjetà attriċi u mhux minn Falbra Ltd, allura għandha sservi ta' rikonoxximent li din l-ispiża kienet ser tiżdied mal-kont tas-soċjetà attriċi. Li kieku inġieb surveyor minn Falbra Ltd, dan xorta kien ser jitħallas minnha. Ġialadarba mhux kontestat li s-*surveyor* inġieb, u Bartoli fix-xhieda tiegħu irrikonoxxa dan u fl-ebda mument ma jgħid li oġġezzjona jew li talab xi kjarifika dwar min kellu jħallas lis-surveyor miġjub mis-soċjetà attriċi, allura din il-Qorti tqis li ma hemm ebda prova li tista' tiġġustifika għalfejn il-parti mis-somma mitluba li tirreferi għas-servizz tas-*surveyor* ma għandiex titqies bħala dovuta lis-soċjetà attriċi.

Illi rigward il-kwistjoni tal-iskont ta' ħmistax fil-mija (15%) kif kien inizjalment indikat fl-istima, din il-Qorti tqis li dak l-iskont kien applikabbli fuq il-proġett kollu li kieku dan sar fl-intier tiegħu u għalhekk, din il-Qorti tista' tapprezza għalfejn dan l-istess skont ma ġiex indikat fil-fattura mertu ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Dwar kemm għandu jkun l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi.</u>**

---

39 Fost oħrajn, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Peter Montebello *et* u Grezzju Azzopardi *et*,</u>** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit Nru: 1060/1995/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2009 fejn ingħad hekk: *"Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar."*

40 Stima tinsab a a fol. 174 tal-proċess.

Illi bħala prinċipju huwa aċċettat li teżisti distinzjoni fil-modalita tal-ħlas imwiegħed lill-appaltatur, skond il-kommissjoni tax-xogħol. Jekk il-prezz ikun ġie miftiehem għal kull unita (parti) ta' xogħol imwettaq, allura l-appaltatur ikollu jedd għal ħlas tax-xogħol magħmul, filwaqt li jekk il-ħlas ikun ġie miftiehem għat-totalita tiegħu, f'każ lix-xogħol ma jitlestiex jew ma jkun ta' ebda utilità, l-jedd għad-dritt tal-ħlas jispiċċa[41].

Illi mill-fattura u anke mill-istima huwa ċar li l-partijiet kienu qablu fuq il-ħlas *per unit* u allura jirriżulta li l-ħlas huwa dovut skont dak ix-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi.

Illi kif diġa' ġie spjegat hawn fuq, ma nġabu ebda provi konkreti li ma sarx l-ammont ta' xogħol kif imniżżel fil-fattura mertu ta' din il-kawża, fl-ammont totali ta' €7,944.94ċ. Anzi jekk xejn, fil-kontro eżami ta' Roderick Bartoli xi drabi huwa jgħid li dak li sar kien ta' inqas minn 150 metru imbagħad jgħid li s-soċjetà attriċi ġabet l-iskuża tan-nuqqas ta' permess wara li ħaffret 150 metru u ma sabitx il-baħar[42].

Illi jerġa jingħad li jekk kemm-il darba, is-soċjetà konvenuta kien jidrilha li x-xogħol li sar ma sarx skont is-sengħa u l-arti jew ma għandux jitħallas għax ma sarx sew, jew li mhux veru sar dak l-ammont ta' xogħol indikat fil-fattura, kien jispetta lilha li tieħu azzjoni fil-konfront tas-soċjetà attriċi, u dan billi setgħet ukoll laqgħat għat-talba tas-soċjetà attriċi b'kontro-talba f'dan is-sens. Min-naħa

[41] Fost oħrajn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Piero Barone vs Steel & Co. Ltd *et,*** (App Ċiv Nru: 706/2001/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Jannar 2012 fejn ġie mfakkar hekk: "*Fid-duttrina saret distinzjoni rigward il-mod tal-ħlas kompetenti lill-appaltatur skont il-mod kif ikun ġie lilu kommissjonat ix-xogħol. Jekk il-prezz ġie ffissat għal kull unita`, bħal ma hu fil-każ in eżami, l-appaltatur ikollu dritt jitħallas tax-xogħol magħmul; jekk inveċe il-prezz ikun wieħed għax-xogħol kollu, allura jekk ix-xogħol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt għall-ebda parti mill-ħlas*". Fuq l-istess vena, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Melita Manufacturing Company Limited vs C&F Building Contractors Limited,** (App Ċiv Nru: 83/2010/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2021.

[42] A fol 215 tal-proċess "*As an excuse because he couldn't find the sea after drilling one hundred and fifty metres*."

l-oħra minn imkien ma jirriżulta mill-provi x'sar minnu l-proġett in kwistjoni, jekk is-sistema tal-arja kkundizzjonata ġietx utilizzata skont ix-xogħol li sar mis-soċjetà attriċi xorta waħda jew ġiex ingaġġat appaltatur ieħor biex ikompli fejn ħalliet is-soċjetà attriċi.

B'hekk il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn li jxejjen dak li ressqet bħala prova s-soċjetà attriċi u l-fattura għandha titħallas mis-soċjetà konvenuta fl-intier tagħha.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tas-soċjetà konvenuta[43], tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u b'hekk tordna lis-soċjetà' Falbra Ltd sabiex tħallas lis-soċjeta' Terracore Ltd is-somma ta' sebat elef disa' mija u erbgħa u erbgħin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€7,944.94ċ), bl-imgħax legali mill-5 ta' Mejju 2017[44] sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, (salv għal dawk ta' Roderick Bartoli) u dawk tal-ittra uffiċjali 957/17 jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà' konvenuta Falbra Ltd. L-ispejjeż ta' Roderick Bartoli jitħallsu mis-soċjetà attriċi, billi dan ġie ċitat fil-ġudizzju inutilment.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

43 Dan għaliex l-ewwel eċċezzjoni ġiet deċiża bis-sentenza tal-11 ta' Jannar 2022.
44 Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali hekk kif jidher *a tergo* ta' fol 7 tal-proċess.